**17 ta' Ġunju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Gio Maria Galea

**Ħin tal-Għeluq tal-Ħwienet — Art. 9 u 5 (e) tal-Att XXIV tal-1957.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi dwar il-ħinijiet tal-għeluq tal-ħwienet, li teżenta mill-operazzjoni ta' dik il-liġi l-qadi tal-parruċċani dwar il-fornitura ta' "motor or cycle supplies and accessories", tikkontempla l-każ ta' ħanut adibit biss għal daqshekk, ċjoè ta' negozju singolu, u mhux il-każ ta' "negozji diversi f'ħanut wieħed"; u kwindi ma tistgħax taffetta l-ipotesi ta' negozju multiplu f'ħanut wieħed.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni miġjuba kontra l-imputat Gio Maria Galea quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta (appell nru. 13/1961), talli fil-Mosta, fid-9 ta' Marzu 1961, bħala l-persuna li għandha l-permess tal-ħanut tal-"Ironmongery" f'Constitution Street, ħalla jew ippermetta li l-imsemmi ħanut jibqa' miftuħ wara l-ħin tal-għeluq (wara t-8 p.m.);

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Mejju 1961, li biha sabitu ħati u kkundannatu għall-ammenda ta' £5;

Rat l-imputazzjoni quddiem dik il-Qorti (appell nru. 14/1961), talli fis-27 ta' Frar 1961, fit-8.20 p.m., l-imsemmija Gio Maria u Carmel Galea kisru l-provvedimenti tal-art. 4 tal-Att no. XXIV tal-1957, billi żammew il-bibien tal-ħanut "Ironmongery Galea Store" f'Constitution Street, Mosta, miftuħ fil-ħinijiet tal-għeluq;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Mejju 1961, li biha sabet l-imputati ħatjin skond l-imputazzjoni, u kkundannat lil kull wieħed minnhom għall-ammenda ta' £5;

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem dik il-Qorti (appell nru. 15/1961) kontra l-imputat Carmelo Galea, talli fid-9 ta' Marzu 1961 kiser il-provvedimenti tal-Att nru. XXIV/1957......;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Mejju 1961, li biha sabitu ħati skond l-imputazzjoni u kkundannatu £5 ammenda;

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem dik il-Qorti (appell nru. 16/1961) kontra Carmelo Galea u Gio Maria Galea, talli fil-Mosta, fis-16 ta' Marzu 1961, għal xi t-8.45 p.m., kisru l-provvedimenti tal-art. 4 tal-Att 24/1957......;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Mejju 1961, li biha sabet lill-imputati ħatjin, u kkundannat lil kull wieħed minnhom għall-ammenda ta' £5;

Rat ir-rikors tal-imputat jew imputati, skond il-każ fil-kawżi fuq imsemmijin, li bih talab, jew talbu, ir-revoka tas-sentenza tal-Ewwel Qorti u l-assolutorja tiegħu, jew tagħhom rispettivament;

Trattati dawn l-appelli;

Ikkunsidrat;

L-erbgħa kawżi ġew trattati quddiem dil-Qorti tal-Appell kontestwalment, annuwenti d-difiża u l-prosekuzzjoni. L-imputati huma l-istess, u l-istess huma l-provi,

l-istess il-fatti, u l-istess ix-xorta tal-kwistjoni legali devoluta lil din is-sedi. F'dawn il-kontingenzi, il-"praxis" ta' din il-Qorti kienet, minn żmien ilu, li, għall-prattiċità u għall-ekonomija tal-ħin ġudizzjarju, tingħata sentenza waħda; basta li jiġi osservat il-provvediment ordnat fittarf ta' din is-sentenza (ara App. Krim. "Pul. vs. Barone Chapelle", 17 ta' Frar 1923, Imħallef il-kompjant Dr. Luigi Camilleri; u ara "Pul. vs. Dimech u Manwel Muscat", 9 ta' Marzu 1940, u oħrajn, Imħallef sedenti);

Fil-meritu;

Ikkunsidrat;

L-Illustrissimu Maġistrat sedenti in prima istanza ta r-raġunijiet tiegħu fis-sentenza fil-kawża li l-lum hi l-appell numru 14 tal-1961; u fil-kawżi l-oħra saret riferenza għal dawk ir-raġunijiet;

Din il-Qorti tikkonkorri pjenament mal-ġudikant fl-Ewwel Grad. L-art. 9 tal-liġi in materja (Att XXIV tal-1957) hu talment ċar li diffiċilment wieħed jifhem kif jista' jiġi sostnut il-kuntrarju tal-konklużjoni li rraġġunġa l-Maġistrat. Qal sewwa l-ġurista Portalis, Tit. Preliminare, Cod. Civ. Franċiż, Tomo I, no. 273:— "Quando il testo della legge è chiaro, non è lecito di eluderne la lettera sotto pretesto di penetrarne lo spirito";

L-art. 5(1) tal-liġi, invokat mid-difiża, ma jagħmelx ħlief jeżenta mill-operazzjoni tagħha l-qadi tal-parruċċani dwar il-fornitura ta' "motor or cycle supplies and accessories"; imma dak l-artikolu qiegħed jikkontempla l-każ ta' ħanut adibit biss għal daqshekk, ċjoè negozju singolu, u mhux il-każ ta' "negozji diversi f'ħanut wieħed"; u kwindi ma jistgħax bl-ebda mod jaffetta l-ipotesi ta' negozju multiplu f'ħanut wieħed, viżwalizzat fl-art. 9 fuq imsemmi;

It-teżi tal-appellanti ġġib għal violazzjoni tal-liġi, jekk, bl-iskuża ta' negozju mhux suġġett għar-restrizzjonijiet tal-għeluq f'ċerti ħinijiet il-post jinżamm miftuħ non ostante li fih ikun qiegħed jiġi attivat negozju ieħor li hu suġġett għal dawn ir-restrizzjonijiet. Mela hu ċar li għandha

iġi preferita t-teżi li ma tikkonduċix għal dik il-vjolazzjoni. Xejn ma jfisser li b'daqshekk ikun qiegħed jiġi limitat l-orarju ta' negozju mhux suġġett għall-limitazzjonijiet ta' orarju mposti bil-liġi fuq imsemmija; għaliex min ikun aċċinġa ruħu li jeżerċita "żewġ" negozji, wieħed suġġett u l-ieħor le, "fl-istess ħanut", kien jaf, jew messu kien jaf, li fond adibit għal dawk in-negozji. "uti" fond, jkun, kwantu għall-kjużura f'ċerti ħinijiet, suġġett għal dawk il-limitazzjonijiet in vista tan-negozju hekk ristrett. Lanqas ma hu ta' swi lill-appellanti li fil-ħinijiet oltrepassanti dawk tal-kjużura ma jinbiegħux oġġetti tan-negozju ristrett; għaliex il-liġi, fid-dispożizzjonijiet tagħha, trid li l-ħanut ikun magħluq, ċjoè magħluq fil-fatt, fiżikament u materjalment, u mhux biss idealment (ara art. 4, 6, 7 tal-Att);

Għalhekk, it-teżi tal-appellanti għandha tiġi respinta; għaliex "corrodit viscere textis"; u wieħed għandu jikkonkjudi li per konsegwenza, bis-sentenzi appellati, "non fuerit illatum gravamen";

Għal dawn ilmotivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-erbgħa appelli u tikkonferma, f'kull waħda mill-kawżi fuq riferiti, is-sentenza appellata;

Tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi nserita f'kull wieħed mill-proċessi fuq imsemmija.